MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 463/1994/1

**Gregorio sive Godwin Scicluna**

**vs**

**Avukat Generali, Onorevoli PrimMinistru**
**U Josephine sive Joyce Calleja**
**Ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

## I - PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1995, li biha gie deciz li r-rikorrenti Gregorio *sive* Godwin Scicluna

1. "…. sofra lezjoni ghad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli billi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali damu fi stat ta' waqfien komplet ghal aktar minn sentejn. Tqis li din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi "*just satisfaction*" ghal-lezjoni subita u hi rimedju adegwat fic-cirkostanzi u li ma hemmx htiega ghall-kumpens iehor lill-applikant ghar-ragunijiet fuq esposti, b'dan li l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ghandhom jipprocedu kif *gia`* stabbilit fis-17 ta' Lulju, 1995;

2. In kwantu l-applikant qed jilmenta minn ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba t-telfien ta' dokumenti ezibiti, dan l-ilment jirrizulta li hu intempestiv u din il-Qorti tirrizerva d-drittijiet ta' l-istess applikant f'dan ir-rigward *si et quatenus* <u>wara</u> li jigu konkjuzi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

2. A skans ta' ripetizzjoni inutili, sejra tigi annessa kopja shiha tas-sentenza imsemmija biex tifforma parti integrali mill-odjern sentenza. Din il-Qorti ma thossx il-bzonn li tirriproduci hawn, la r-rikors promotorju kontenenti l-premessi u t-talbiet tar-rikorrent Scicluna u lanqas ir-risposta ta' l-intimati Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru, billi dawn iz-zewg atti huma migjuba fis-sentenza appellata annessa, li fiha wkoll il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjoni kollha li wasslu l-Ewwel Onorabbli Qorti biex tasal ghad-decizjoni imsemmija fil-paragrafu precedenti.

3. Ghandu jigi rilevat li din il-procedura ta' natura kostituzzjonali hija konnessa ma' proceduri ta' natura kriminali ezattament l-Att ta' Akkuza Numru 20/89 fl-ismijiet "<u>Repubblika ta' Malta vs Josephine *sive* Joyce Calleja u Gregorio *sive* Godwin Scicluna</u>". Huma gew akkuzati <u>*inter alia*</u> b'tentattiv ta' qtil volontarju tar-ragel ta' l-istess Josephine Calleja, liema fatt sehh fis-27 ta' Lulju,

1983. Dina wkoll intavolat proceduri ta' natura kostituzzjonali, simili ghal dawk odjerni, quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, li ittrattat z-zewg kawzi kontestwalment u iddecidiethom fl-istess gurnata, *cioe`* l-14 ta' Lulju, 1995.

4. Dawn iz-zewg sentenzi inghataw tlett ijiem qabel il-jum appuntat mill-Qorti Kriminali ghas-smigh fil-guri rigward l-Att ta' Akkuza Numru 20/89 fil-konfront ta' l-imsemmija Scicluna u Calleja. It-tnejn li huma hassewhom aggravati mis-sentenzi in kwistjoni u huma intavolaw appelli separati quddiem dina l-Qorti fis-17 ta' Lulju, 1995.

5. Dakinhar huma talbu lill-Qorti Kriminali biex tissopressjedi sakemm l-odjerni appelli kostituzzjonali jigu decizi. Din it-talba ma gietx akkolta minn dik il-Qorti ghar-ragunijiet specifikati minnha fid-digriet relattiv, moghti fl-istess jum (ara fol. 81).

6. Kif diga intqal kemm Scicluna kif ukoll Calleja intavolaw separatament proceduri ta' natura kostituzzjonali quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili. Allegaw fihom li l-proceduri Kriminali kienu qieghdin jiehdu tul ta' zmien irragonevoli, bi ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom protett mill-Art 39 tal-kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Kemm Scicluna kif ukoll Calleja allegaw li dan id-dewmien fih innifsu kien ta' pregudizzju serju ghad-difiza taghhom.

7. Ir-rikorrenti Scicluna ilmenta, inoltre, li bhala konsegwenza ta' dan id-dewmien, intilfu xi ittri li kienu gew ezibiti mill-Prosekuzzjoni bhala prova waqt il-kumpilazzjoni liema ittri, skond ir-rikorrenti Scicluna kienu mehtiega biex huwa jistabilixxi l-innocenza tieghu. Huwa jqis ghalhekk li d-difiza tieghu giet pregudikata u minhabba dan il-fatt huwa jqis li ma jistax ikollu smigh xieraq mill-Qorti Kriminali.

8. Ir-rikorrenti Calleja, fir-rikors promotur separat taghha, tallega li sofriet pregudizzju ghad-difiza taghha bhala konsegwenza tad-dewmien billi fil-frattemp kienu intilfu d-

dokumenti (indikati fil-paragrafu precedenti) u billi hija kienet indikat bhala xhieda lill-ġenituri tar-raġel tagħha, izda dawn lahqu mietu qabel ma taw ix-xhieda taghhom.

9. Billi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma l-istess fatti li ipprovokaw ir-rikors kostituzzjonali intavolat minn Josephine *sive* Joyce Calleja u billi tista' tghid li hemm xebh, jekk mhux ukoll identicita` bejn l-ilmenti taz-zewg rikorrenti, ghalhekk dak li sejjer jinghad f'din is-sentenza sostanzjalment ma jghoddx biss ghall-kaz ta' Gregorio *sive* Godwin Scicluna izda daqstant iehor ighodd ukoll ghall-kaz tar-rikorrenti l-ohra Calleja "*mutatis mutandis"* .

10. Bazikament it-tnejn qed jallegaw li fic-cirkostanzi li semmew fir-rikorsi promoturi taghhom, huma ma setghux jinghataw smigh xieraq fil-proceduri kriminali prospettati kontra taghhom. Ghalhekk, apparti li ippretendew li jinghataw kumpens adegwat ghad-dewmien, <u>talbu specifikament</u> li l-Qorti tordna:
".... li jieqfu minnufih il-proceduri kriminali.... wara li jigi dikjarat li t-tkomplija taghhom tammonta ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija."

Jidher car li dan kien ir-rimedju principali, jekk mhux ewlieni, li r-rikorrenti kellhom fil-mira taghhom meta ittentaw l-proceduri odjerni. Dawn il-proceduri, infatti, gew intavolati minnhom wara li l-Qorti Kriminali, li lilha kien gie issenjalat it-telfien ta' l-ittri imsemmija, b'digriet tal-14 ta' Frar, 1994 (ara fol. 44), kienet ordnat li l-proceduri kriminali kellhom jibqghu jiehdu l-kors taghhom u f'kaz li d-dokumenti mitlufa jibqghu ma jinstabux, "...il-kawza ssir minghajrhom – salv kull prova skond il-ligi dwar il-kontenut ta' l-istess dokumenti."

11. Anke fil-kors ta' dana l-appell kostituzzjonali r-rikorrenti ippruvaw li jiffinalizzaw dawn il-proceduri kemm qabel it-tmiem tal-guri nnifsu kif ukoll, wara li huma appellaw mis-sentenza tal-Qorti Kriminali li nghatat fid-9 ta' Awissu, 1995. Pero`, huma ma kellhomx success f'dan ir-rigward billi effettivament is-sentenza tal-Qorti Kriminali nghatat fid-9 ta' Awissu 1995, waqt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali iddecidiet l-appell minnha fit-3 ta' Marzu,

1999. Kien wara din id-data li l-Onorevoli Imhallfin Carmelo A. Agius u Noel V. Arrigo astjenew mill jkomplu jiehdu konjizzjoni tal-kawzi kostituzzjonali odjerni u li in segwitu saret is-surroga ta' l-ewwel zewg Imhallfin li issa qeghdin jikkomponu din il-Qorti.

**<u>II – L-APPELL</u>**

12. Appellaw mis-sentenza ta' l-14 ta' Lulju 1995, kemm ir-rikorrenti Scicluna kif ukoll, incidentalment l-Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru. Ta' min jirrileva hawn li ghalkemm Josephine *sive* Joyce Calleja giet imharrka ghal kull interess li jista' jkollha, pero` hija baqghet passiva f'din il-kawza, ghalkemm kif diga` intqal hija intavolat separatament proceduri simili ta' natura kostituzzjonali, li nstemghu u ghadhom qeghdin jinstemghu kontestwalment.

13. L-appellanti Scicluna, wara li spjega d-diversi aggravji li qieghed jilamenta minnhom fil-konfront ta' sentenza appellata, talab li dina l-Qorti li joghgobha:

"…. tilqa' dan l-appell u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddecidiet li l-esponent sofra lezjoni ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli billi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali damu weqfin ghal kollox ghal aktar minn sentejn, tirrevokaha, thassarha u tannullaha fil-bqija u taghtih kumpens ghall-imsemmija lezjoni, tiddikjara li l-esponent ma jistax ikollu smigh xieraq minhabba d-dewmien irragonevoli u minhabba t-telf ta' l-esibiti u tordna li l-proceduri kriminali kontra tieghu jieqfu minnufih."

14. Fir-risposta taghhom, l-Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru wiegbu ghall-aggravji mressqa mill-appellant u *inoltre* intavolaw appell incidentali. Infatti huma talbu li dina l-Qorti joghgobha tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata:

"…. billi filwaqt li thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddecidiet li l-applikant sofra lezjoni ghad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli u, in kwantu konsegwenzjali ghal din il-parti, thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn iddikkjarat li din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi "*just satisfaction*" ghal-lezjoni

subita u hi rimedju adegwat fic-cirkostanzi u li mhemmx htiega ghall-kumpens iehor lill-applikant ghar-ragunijiet esposti u minflok jew tichad it-talbiet tar-rikorrent fir-rigward jew tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha in materja minhabba li r-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu u tikkonfermaha fil-bqija bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu mir-rikorrent appellat."

**III – KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI DWAR L-APPELL PRINCIPALI**

15. L-ewwel konsiderazzjoni li ghandha ssir tirrigwarda l-pretensjoni bl-appellant Scicluna li jislet fatti u cirkostanzi li jemergu mill-proceduri li saru wara li inghatat is-sentenza appellata quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali waqt il-guri, kif ukoll dawk li saru quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u jgibhom 'il quddiem f'dan l-Appell *in aggiunta* ma' dawk il-fatti u cirkostanzi li huma allegati fir-rikors promotorju.

16. Effettivament gew esibiti il-verbali kollha registrati matul il-guri kif ukoll diversi depozizzjonijiet ta' xhieda li xehdu fil-guri. Din il-Qorti kienet ukoll awtorizzat (fuq talba ta' l-intimati) l-esibizzjoni ta' kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Marzu 1999, din baqghet ma tpoggietx fil-process x'aktarx billi d-dritt relattiv baqa' ma thallasx.

17. Il-Qorti tinnota li parti konsiderevoli tan-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-appellanti Scicluna fit-22 ta' Gunju 2000, titratta dwar dak li gara wara li inghatat is-sentenza appellata precizament fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fil-fehma ta din il-Qorti, dan l-operat mhux proceduralment korrett. Din il-Qorti f'din il-kawza ghandha l-funzjoni ta' Qorti ta' appell, *cioe`* qorti ta' revizjoni u ghalhekk trid tiddeciedi jekk is-sentenza ta' l-ewwel Qorti kinitx wahda korretta fuq l-bazi tal-fatti li dik il-Qorti kellha quddiemha. Ma tistax dina l-Qorti tiehu konjizzjoni tal-fatti godda li sehhew quddiem l-imsemmija Qrati ta' kompetenza kriminali ghaliex apparti il-kwistjoni importanti ta' l-aspett gurisdizzjonali, dawn il-fatti ma kienux quddiem il-Qorti li

tat is-sentenza appellata. Certament, id-dritt tad-doppju ezami, li l-ligi taghti liz-zewg partijiet, ma jistax jigi lez semplicement ghax parti wahda jidhrilha li ghandha tirrinunzja ghalih.

18. Isegwi li dak kollu li hemm fl-istess nota tar-rikorrenti Scicluna (u dak kollu li nkiteb bhala risposta fin-nota ta' l-intimati) li jirrigwarda fatti u cirkostanzi li graw wara li inghatat is-sentenza appellata, dina l-Qorti ma tqisux li huwa verament rilevanti ghall-ezercizzju ta' revizjoni li din il-Qorti ghandha d-dover li taghmel fil-konfront tas-sentenza appellata f'din l-istanza. Kwalunkwe dritt li r-rikorrent jippretendi li ghandu fir-rigward ta' l-imsemmija avvenimenti li graw wara l-ghoti tas-sentenza appellata sejjer jithalla konsegwentement impregudikat.

19. Il-Qorti issa sejra tikkonsidra l-aggravji tar-rikorrenti Scicluna fl-ordni li jinsabu sollevati fir-rikors ta' l-appell tieghu. Qabel xejn irid jinghad li l-ewwel hames aggravji jidhru li kollha jikkoncernaw l-allegat vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ta' Scicluna ghal smigh xieraq minhabba t-telf ta' l-ittri in kwistjoni. Is-sitt aggravju, imbaghad, jirrigwarda l-allegat vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' Scicluna ghal smigh xieraq minhabba li l-proceduri kriminali damu ghal zmien irragonevoli.

20. L-appellant jispjega l-ewwel aggravju tieghu hekk:
".... dak li l-partijiet ma jaqblux fuqu huwa jekk dawn l-esibiti mitlufin setghux iservu biex juru l-innocenza ta' l-akkuzat kif qed isostni l-esponent, jew setghux iservu bhala prova kontra l-akkuzat kif qeghdin isostnu l-intimati. Ghall-argument ta' l-intimat illi l-akkuzati ma indikawx dawn l-ittri bhala provi taghhom, l-esponent diga` rrisponda li l-ittri *gia`* kienu fil-process fost il-provi u ghalhekk ma kienx hemm skop ghalfejn kellu jerga' jnizzel bhala prova l-istess ittri *gia`* formanti parti mill-provi processwali. L-ewwel Onorabbli Qorti stess qalet li "d-dokumenti mitlufa jiffurmaw parti mill-process kriminali u mill-Atti tal-Kumpilazzjoni", u konsegwentement mhemmx dubju li l-akkuzat jista', bi dritt, jaghmel riferenza ghalihom fil-guri anke minghajr ma jerga' jindikahom fil-lista tal-provi tieghu.

1.2 Fis-sentenza taghha l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet li "L-ilment ta' l-applikant hu fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti manifestament inammissibbli, almenu f'dan l-istadju." L-aggravju ta' l-esponent huwa illi l-lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu minhabba t-telf ta' l-esibiti diga` sehhet minhabba li huwa jrid jirreferi ghalihom u ma jistax ghaliex l-Amministrazzjoni tal-Qorti tilfet l-esibiti.

1.3 Ghandu jigi osservat illi fl-istess sentenza jinghad li "min ikollu d-drittijiet fondamentali tieghu lezi jew fil-perikolu li jigu lezi ghandu jirreagixxi tempestivament u jirrikorri ghall-protezzjoni tal-Qorti appena dawn id-drittijiet jigu mhedda". Allura, jekk dan hu hekk (u l-esponent jaqbel li huwa hekk), kif jista' jigi ritenut li l-ilment huwa intempestiv jew "manifestament inammissibbli, almenu f'dan l-istadju"? Fl-istess sentenza jinghad korrettement "illi l-ksur tad-dritt fondamentali ta' l-individwu biex ikun ta' portata tali li jirrikjedi l-intervent tal-Qorti Kostituzzjonali ghandu jkun tali li jkun immedjat u sentit mill-parti leza". Fil-fatt, l-esponent diga` qed ihoss l-effetti tal-lezjoni tad-dritt tieghu, u mhux sempliciment il-minaccja ta' lezjoni, ghaliex huwa jrid, sa minn dan l-istadju ta' thejjija ghall-guri, jaghmel riferenza ghall-ittri esibiti mitlufin u ma jistax."

21. L-intimati wiegbu hekk ghal dana l-aggravju:
"Is-sottomissjonijiet fir-rikors ta' l-appell ikomplu jimmanifestaw kemm kellha ragun l-ewwel Onorabbli Qorti meta iddecidiet li l-ilment tar-rikorrent dwar nuqqas ta' *fair hearing* minhabba t-telf ta' dokumenti u mewt ta' xhieda kien manifestament inammissibbli. Ir-rikorrent evidentement jahseb li l-Qorti, l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja huma daqstant *naive* li bizzejjed li r-rikorrent, wara li l-ewwel jikkonstata li d-dokument intilef, jinsisti li jrid jirreferi ghal dokument li anqas biss ghadu prova proprju ghaliex mitluf, biex jigi deciz li hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. L-ewwel darba li r-rikorrent wera xi interess fl-ittri in kwistjoni kien proprju wara li dawn intilfu u l-attenzjoni ngibdet lill-Qorti minn haddiehor! L-ewwel Onorabbli Qorti kienet pjenament konformi mal-kazistika mhux biss Ewropeja izda anki ta' din l-istess

Qorti meta irriteniet li biex jigi determinat giex rispettat id-dritt ghal *fair hearing* jew le l-apprezzament irid necessarjament isir tal-process kollu fil-kompless tieghu u dan jista' jsir biss meta l-process ikun sar u jkunu gew ezawriti r-rimedji kollha li tipprovdi l-ligi inkluz kwalunkwe proceduri fi stadju ta' appell (ara s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' April 1973, fl-ismijiet Emanuel Formosa vs. Kummissarju tal-Pulizija citata fin-nota risponsiva ta' l-esponenti quddiem l-ewwel Qorti)."

22. L-ewwel aggravju jikritika s-sentenza appellata fejn din sabet li l-ilment dwar it-telfien ta' l-ittri kien almenu f'dak l-istadju manifestament inammessibbli. L-appellant isostni li l-ilment tieghu ma kienx intempestiv ghaliex huwa kien diga` qieghed isofri lezjoni minhabba li biex jiddefendi ruhu mill-akkuzi migjuba kontrih, irid jirriferi ghall-ittri, izda dan ma jistax jaghmlu ghax dawn intilfu, *nonostante* li kienu esibiti fl-Atti tal-Kumpilazzjoni. Apparti l-kummenti ta' l-intimati ghal dan l-aggravju, li jidhru f'lokhom, l-argument li fuqu l-appellant jibbaza dana l-aggravju huwa bazikament difettuz ghaliex assolutament ma irrizultax li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-ittri mitlufa kienu jikkostitwixxu prova ta' l-innocenza ta' l-appellant. Anzi, il-Prosekuzzjoni kienet qegheda tqis dawk l-ittri bhala prova tal-htija ta' l-appellant, almenu bhala komplici. Fi kliem iehor, il-Qorti ma tistax tintravedi lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fuq is-semplici asserzjoni ta' l-appellant li l-ittri in kwistjoni kienu jikkostitwixxu evidenza ta' l-innocenza tieghu.

23. It-tieni aggravju huwa spjegat testwalment hekk:-
"2. It-tieni aggravju huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi "Certament mhux kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi 'a priori' fuq dawn u aspetti ohra tar-rilevanza ta' dawn id-dokumenti li tista' biss tigi determinata fil-proceduri kriminali u taht certu aspett ta' fatt qabel xejn mill-gurija."

2.1 Hawnhekk, tohrog aktar cara l-kontradizzjoni li wiehed, bir-rispett kollu, jirravviza fis-sentenza. Filwaqt li l-ewwel Onorabbli Qorti taqbel li l-parti offiza ghandha tirreagixxi minnufih hekk kif ikun is-semplici minaccja ta'

lezjoni, hawnhekk l-istess Onorabbli Qorti irriteniet implicitament li l-parti offiza l-ewwel ghandha ggarrab l-effetti tal-lezjoni ta' dritt matul il-guri, li jkollu jsir minghajr l-ittri esibiti, imbaghad fl-istadju ta' wara l-guri tirreagixxi. Fl-umili fehma ta' l-esponent, dan mhux dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni.  Il-lezjoni tad-dritt *gia*` sehhet meta l-ittri esibiti li d-difiza kienet qieghda tistrieh fuqhom ma nstabux aktar.

2.2 Illi ma jistax ikun hemm smigh xieraq minghajr element insostitwibbli tal-process bhalma huma l-ittri esibiti.

2.3 Illi *in ultima* analizi, din il-kawza hija dwar il-kostituzzjonalita` tal-process penali propost.  Fl-umili fehma ta' l-esponent, it-test dwar jekk jistax ikun hemm smigh xieraq minghajr l-ittri mitlufa ma jiddependix minn kwalsiasi ezami dwar <u>rilevanza</u> li talvolta jrid isir waqt il-guri.  Daqskemm hu kompitu tal-Qorti Kriminali li tirregola hi dwar rilevanza, daqstant iehor huwa l-kompitu tal-Prim Awla u tal-Qorti Kostituzzjonali li jiddeciedu dwar il-<u>kostituzzjonalita`</u> tal-process penali propost.  F'dan is-sens, ghalhekk, l-esponent ma jaqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad "Certament mhux kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi *a priori* fuq dawn u aspetti ohra tar-rilevanza ta' dawn id-dokumenti li tista' biss tigi determinata fil-proceduri kriminali u taht certu aspett ta' fatt qabel xejn mill-gurija."

2.4 Fl-ezami dwar kostituzzjonalita` tal-process penali kontra l-esponent, la l-Qorti Kriminali u wisq anqas il-gurija m'ghandhom funzjoni kontemplata fil-ligi.  Jispetta biss lill-Prim Awla u lill-Qorti Kostituzzjonali li jiddeciedu dan il-punt.  Ghalhekk, l-esponent lanqas ma jaqbel ma' dik il-parti tas-sentenza fejn jinghad:  "Ahseb u ara meta ma tirrizultax sallum – u ma tistax tirrizulta quddiem din il-Qorti ghax mhiex fil-kompetenza taghha li taghmel tali indagini – l-importanza determinanti ta' l-ittri kif postulata mill-applikant."  Ghall-esponent, din (i.e. il-kostituzzjonalita` tal-process penali kontra tieghu) hi kwistjoni li trid tigi determinata aprijoristikament u deciza

qabel il-guri proprju ghaliex tista' twassal biex il-guri ma jsirx.

24. L-intimati jirrispondu ghal dan l-aggravju b'dan il-mod:
"4. Dak li r-rikorrent appellant jiddeskrivi bhala t-tieni aggravju tieghu ma hu xejn hlief sensiela ta' sofizmi u *non sequiturs* li semplicement jispiccaw f'cirku vizzjuz ghar-raguni li "l-kostituzzjonalita` tal-process penali propost", kif ipoggiha ir-rikorrent, ma jistax, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti, jigi determinat a prioristikament minghajr ma jkun sar il-process biex wiehed ikun jista' jivalutah fl-assjem tieghu kif jirikjedi d-dritt sostantiv stess ta' process xieraq!"

25. Dana t-tieni aggravju wkoll mhux fondat u sejjer jigi respint billi din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti u *cioe`* bazikament li l-investigazzjoni dwar ir-rilevanza u l-valur probatorju tal-provi – fosthom ta' l-ittri in kwistjoni – tispetta unikament lill-Qorti ta' kompetenza kriminali certament, din il-Qorti ghandha is-setgha li tinvestiga jekk il-process penali jkunx sar a tenur tal-konkluzzjoni u skond id-despozizzjonijiet li jissalvagwardjaw id-drittijiet fondamentali ta' l-akkuzat, pero` din il-Qorti ma tistax, fl-ezercizju tal-gurisdizzjoni taghha, tuzurpa l-funzjoni tal-gurija jew tal-Qrati ta' kompetenza kriminali.

26. L-appellant jghid:
"3. It-tielet aggravju huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet li ghandha tigi prodotta l-prova sussidjarja u dan ikun bizzejjed biex jaghmel tajjeb bis-shih ghat-telf ta' l-ittri: "...ma hemm xejn x'jostakola li, stabbilit li l-ahjar prova ma tistax tigi prodotta, jigu applikati r-regoli tal-procedura kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza biex dawn ikollhom l-opportunita` li jipproducu l-ahjar prova possibbli sussidjarja biex jippruvaw l-istess fatti b'mezzi ohra.

3.1 Bl-akbar rigward lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent ma jistax jimmagina mod san u sigur kif tista' ssir prova sussidjarja ta' l-istess ittri. Iz-zewg Avukati Difensuri li kienu jippatrocinaw liz-zewg akkuzati fil-bidu

tal-kaz illum huma l-E.T. il-President tar-Repubblika u l-Onorevoli Vici Prim Ministru u m’humiex ragonevolment mistennija jiftakru l-kontenut ta’ l-imsemmija ittri. L-Ispettur Paul Bond fix-xhiehda tieghu ma semma xejn dwar id-dettalji ta’ l-ittri. Ix-xiehda l-ohra l-istess. M’hemm xejn u hadd fuq min tista’ torbot ghall-prova dwar il-kontenut ta’ l-imsemmija ittri. Ghaddew wisq snin.

3.2 Huwa veru li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet rizerva “salv dejjem id-dritt ta’ rimedji ohra – anke dak kostituzzjonali – jekk jirrizulta li *cio` nonostante* d-drittijiet fondamentali ta’ l-akkuzat gew xorta vjolati”, izda, l-ewwelnett, dan mhux korrett ghaliex id-dritt diga` gie lez ghaliex id-dokumenti originali jinsabu mitlufin u l-akkuzat ma jistax jirreferi ghalihom, u, t-tieni, <u>l-ezitu</u> tal-guri huwa irrilevanti ghall-kwistjoni jekk jistax jew le ikun hemm smigh xieraq minghajr l-esibiti mitlufa. L-ezami ghandu jsir issa, aprijoristikament, mhux wara li jigi deciz il-meritu tal-kaz mill-gurija. Jekk il-gurija tinghata ghodda hziena, ma tistax taghti verdett tajjeb.

3.3 Hemm argument fallaci li ghandu jigi evitat u dan hu li, ladarba kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza jridu l-ittri esibiti mitlufin, allura l-lezjoni hija newtralizzata. Mhux korrett li jinghad hekk. Id-dritt fondamentali protett mhuwiex tal-prosekuzzjoni, izda ta’ l-akkuzat ghal smigh xieraq.

3.4 L-analogija ma’ mewt ta’ xhieda ma treggix, ghaliex id-deposizzjoni tax-xhud hija registrata u tista’ tinqara u l-ligi tipprovdi ghal dan, mentri t-telf ta’ l-ittri esibiti mhux rimedjabbli bil-prova sussidjarja. Dan ghaliex mhemmx fotokopji taghhom meta l-Pulizija elevathom. Huwa irrilevanti jekk l-ittri ntilfux “fiz-zmien meta d-dewmien seta’ jigi kwalifikat bhala li sar irragonevoli”; l-ittri ntilfu meta kienu fil-kustodja tal-Qorti.”

27. L-intimati wiegbu hekk ghal dan l-aggravju:
“5. Dak riferit mir-rikorrent bhala t-tielet aggravju ma hu xejn hlief ripetizzjoni u kontinwazzjoni ta’ l-aggravji precedenti u s-sottomissjonijiet tieghu f’dan ir-rigward ikomplu jimmanifestaw kemm kellha ragun l-ewwel

Onorabbli Qorti meta iddecidiet li l-ilment tar-rikorrent dwar nuqqas ta' *fair hearing* minhabba t-telf ta' dokumenti kien manifestament inammissibbli. *Di fatti* dawn is-sottomissjonijiet jikkonsistu f'sensiela ta' ipotesijiet, spekulazzjonijiet u kongetturi dwar x'jista' jew ma jistax jigri fil-process kriminali b'rizultat tat-telfien tad-dokumenti in kwistjoni. *Inoltre* ir-rikorrent juri nuqqas kbir ta' immaginazzjoni fid-diffikultajiet kimerici li jsemmi. Hu x'inhu, din l-Onorabbli Qorti ma tistax taghmel l-ezercizzji astratti u kwazi metafizici li jridha taghmel ir-rikorrent kif ritenut ukoll fis-sentenza ta' din l-istess Qorti fl-ismijiet "Emmanuel Formosa vs. Kummissarju tal-Pulizija" (16/04/1973) citata wkoll quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Din hi wkoll il-pozizzjoni ta' l-organi Ewropew in materia li wkoll qatt ma nvestew giex miksur id-dritt ghal *fair hearing* jekk mhux wara li fil-fatt ikun sar il-process."

28. Din il-Qorti ezaminat akkuratament u tikkondividi dak kollu li l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata fir-rigward ta' x'kellu jsir fl-eventwalita` li l-ittri jibqghu ma jinstabux – u *cioe`* li l-partijiet jinghataw l-opportunita` li jipproducu provi ohra sussidjarji biex jipprovaw il-kontenut ta' l-ittri b'mezzi ohra. Id-direzzjoni li forniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hija sostanzjalment gusta u legalment korretta u ghalhekk l-ilmenti li ressaq l-appellant fir-rigward ta' dan it-tielet aggravju huwa insostenibbli. Din il-Qorti hija ferm perplessa bil-fatt li, la darba l-appellant kien iqis il-kontenut ta' l-ittri in kwistjoni bhala daqshekk determinanti biex jipprova l-innocenza tieghu, kif ma deherlux li kellu jiehu il-briga semplici li jkollu ghad-dispozizzjoni fuqhom almenu fotokopja ta' ittra wahda biss. Tali fotokopja seta facilment jotteniha kieku talabha wara li l-ittri gew esibiti fl-Atti tal-Kumpilazzjoni.

29. Bir-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta irriteniet li:
".... hu accettat u stabbilit illi l-Qorti Kostituzzjonali ghandha tiddeciedi dwar jekk l-applikant kellux smigh xieraq jew le fi proceduri kriminali biss wara li tikkonsidra dawk il-proceduri fl-assjem kollu taghhom".

L-appellant jipprova jsostni t-tezi tieghu billi jasserixxi hekk:
"Jekk dan hu korrett - u l-esponenti jhoss li dan mhux korrett – allura m'ghamilx sew l-intimat Avukat Generali meta fil-kaz "REPUBBLIKA TA' MALTA VS. RAMESH SHARMA ET" irtira l-att ta' akkuza. ...."

30. Apparti li din il-Qorti mhi se tghaddi l-ebda kumment fuq x' 'seta' ghamel l-intimat Avukat Generali f'kazijiet ohra, billi dan hu kompletament irrelevanti ghall-kaz odjern, jibqa' l-fatt li d-*dictum* ta' l-ewwel Qorti citat fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta korrettament il-pozizzjoni legali fir-rigward. Dana jfisser li biex jigi determinat kienx hemm jew le vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, il-valutazzjoni jew l-apprezzament ma ghandux isir fuq xi incident jew fattur izolat f'dawk il-proceduri, izda *invece* ghandu jsir fil-konfront tal-process kollu, fl-assjem tieghu. Dan ifisser ukoll li normalment u bhala *linea di massima* – l-apprezzament irid isir fil-konfront ta' l-istadji kollha tal-proces billi difett li seta` okkorra fil-proceduri quddiem l-ewwel istanza jista', facilment jigi retifikat quddiem it-tieni istanza bil-mezz ordinarju ta' l-appell. Dan huwa hekk anke ghaliex, bhala norma, l-applikant huwa obbligat li jezawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ma jghaddi biex jezercita l-mezzi straordinarji ta' impunjazzjoni bazati fuq l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali. Jekk ma jghamlux hekk, ikun qieghed jesponi ruhu ghall possibilita` moghtija espressament lill-Prim Awla tal-Qorti Civili li taghzel li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha biex tassigura t-twettiq ta' l-istess drittijiet fundamentali, jekk hija tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma, jew kienu, desponibbli favur l-applikant, skond il-ligi ordinarja.

31. L-appellant jispjega il-hames aggravju tieghu hekk:-
"5. Aggravju iehor jirrigwarda r-rakkomandazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi l-Qorti Kriminali m'ghandhiex "tissoprassjedi jew tistenna l-ezitu tad-decizjoni" (kostituzzjonali). B'kuntrast ma' dan, jigi osservat illi, fil-kuntest ta' dewmien irragonevoli, l-awturi Van Dijk u Van Hoof esprimew il-veduta opposta (i.e. li l-proceduri

kriminali ghandhom jieqfu) li tapplika ugwalment '*mutatis mutandis*' ghal ilment dwar lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq minhabba telf ta' dokumenti esibiti:

"*Article 6(1) does not stipulate what the conseguences for the proceedings are, if the reasonable time requirement has not been met. It would seem to ensue from this provision that if the reasonable time has been exceeded and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the ... criminal charge to be declared inadmissible."*

*[Theory and Practice on the European Convention of Human Rights - –. Van Dijk & G.J.H. Van Hoof, p.335.]"*

32. L-intimati wiegbu hekk:-
"Dwar dak li prezumibilment hu l-hames aggravju tar-rikorrent appellant fejn iccita lill-awturi Van Dijk u Van Hoof ghandu jinghad li l-bran citat hu biss opinjoni ta' l-awturi msemmija li l-istess awturi ma jipprovawx anqas minimament jissostanzjaw b'xi decizjoni tal-Kummissjoni jew tal-Qorti Ewropea jew ta' xi Qorti ohra u dan ghaliex ghalkemm dawn l-organi kellhom jittrattaw eluf ta' applikazzjonijiet fejn gie allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragionevoli u fejn il-proceduri twalu ghal hafna snin aktar minn fil-kaz odjern qatt ma inghatat decizjoni fis-sens msemmi minnhom."

33. Din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju m'ghandux bazi legali u li r-rakkomandazzjoni msemmija kontenuta fis-sentenza appellata kienet, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, altru milli flokha u korretta. Din il-Qorti, kif issa preseduta kellha okkazzjoni dan l-ahhar li tesprimi ruhha dwar il-bilanc li ghandu jinzamm fl-ghazla tar-rimedju addattat ghall-vjolazzjoni ta' dritt fondamentali. Minflok ma tirrepeti ruhha, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija fil-11 ta' Awissu 2003, fil-kawza fl-ismijiet "John Bugeja vs. l-Avukat Generali et."

34. L-ahhar aggravju ta' l-appellant, *cioe`* is-sitt wiehed, jirrigwarda il-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh

xieraq fi zmien ragonevoli. L-appellant jghid li meta l-ewwel Qorti sabet tali ksur rigward parti mill-proceduri kriminali hija ma kellhiex tqis id-dikjarazzjoni relattiva taghha adegwata bhal "*just satisfaction*" ghal tali lezjoni. Minflok, l-ewwel Qorti messha ordnat li l-proceduri kriminali ghandhom jieqfu minnufih. *Inoltre*, l-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma kellhix ghalfejn tqis li l-inattivita` ta' l-akkuzati li jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali taghhom" fi zmien propizju u mhux meta tattikament hekk kien jaqblilhom" kien fattur li seta' jkun gustifikazzjoni biex huma jkunu eskluzi milli jkunu intitolati ghal xi rimedju iehor pekunarju.

35. Din il-Qorti tirriferi ghal dak li qalet fil-paragrafu 33 *supra* dwar x' rimedju effettiv kien addatt ghall-kaz odjern. Fil-fehma tal-Qorti, dana l-aggravju ma jistax jintlaqa' billi din il-Qorti tikkondividi pjenament l-ghazla u l-ghoti tar-rimedju konferit fis-sentenza appellata ghall-vjolazzjoni riskontrata minnha ghad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

36. Billi din il-Qorti ma sabet l-ebda wiehed mill-aggravji sollevati mill-appellant bhala gustifikat, isegwi li l-appell relattiv tieghu ghandu jigi michud.

**IV – KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI DWAR L-APPELL INCIDENTALI**

37. L-intimati appellaw incidentalment mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn sabet li r-rikorrent Scicluna sofra lezjoni ghad-dritt fundamentali fuqha ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli billi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali damu fi stat ta' waqfien komplet ghal aktar minn sentejn u fejn qieset li l-istess dikjarazzjoni tikkostitwixxi "*just satisfaction*" ghal-lezjoni subita u hija rimedju adegwat fic-cirkostanzi billi ma kienx hemm ebda htiega ghall-kumpens iehor. L-intimati spjegaw l-aggravju taghhom hekk:-

"(a) L-ewwel Qorti ikkonstatat dewmien irragonevoli fil-proceduri ghall-perjodu mit-30 ta' Marzu 1990 sat-23 ta' Novembru 1992 peress li f'dan iz-zmien ma sar assolutament xejn u lanqas formalment ma jirrizulta bl-ebda mod spjegat u jew gustifikat fl-atti. Fl-ewwel lok

ghandu jigi rilevat li fit-30 ta’ Marzu 1990 kienet saret seduta preliminari li trid issir tassattivament bil-ligi sabiex jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari li kienu gew sollevati dwar ix-xhieda u sabiex jigi arginat il-guri u tigi appuntata data ghall-guri b’konsultazzjoni mal-partijiet prezenti u d-difensuri taghhom. Di fatti, wara li saret it-trattazzjoni debita l-Avukat Generali rtira l-eccezzjoni tieghu dwar il-provi tad-difiza u l-guri gie differit ghall-20 ta’ Novembru, 1990. L-ewwel Qorti ikkoncediet li “l-Qorti Kriminali trid tipprogramma x-xoghol taghha fuq numru ta’ xhur u forsi wkoll sena jew tnejn. Ma hemm allura xejn insolitu li l-appuntament ghas-smigh tal-guri inghata ghall-20 ta’ Novembru 1990 u *cioe`* tmien xhur wara l-ewwel appuntament”. Ghalhekk l-ewwel Qorti kjarament ikkoncediet li ta’ l-anqas sa l-20 ta’ Novembru 1990, ma kienx hemm dewmien irragonevoli peress li dan kien gustifikat bil-htiega ta’ programmar tax-xoghol tal-Qorti. Illi ghahekk, *se mai*, iz-zmien li jibqa’ hu dak bejn l-20 ta’ Novembru 1990 sat-23 ta’ Novembru 1992, u *cioe`,* perjodu ta’ xi granet fuq is-sentejn.

(b) Hu minnu li ma jirrizultax mill-atti li f’dan il-perjodu saru xi atti formali fil-process izda jekk dan japplika ghall-Qorti japplika wkoll ghar-rikorrent u l-ko-akkuzata. Di fatti ma jirrizulta l-ebda l-icken tentattiv sabiex ir-rikorrent jipprova jcaqlaq il-proceduri jew jissollecita xi speditezza akbar fil-proceduri. It-tentattiv *o meno* ta’ l-applikant biex jipprova jaghti moviment lill-proceduri hi cirkostanza li l-organi Ewropew dejjem tawha importanza fil-kors ta’ l-apprezzament ta’ kienx hemm ksur tad-dritt fondamentali ghall-process fi zmien ragionevoli jew le. Meta l-applikant naqas milli juri li ha xi passi biex jitkomplew il-proceduri l-Kummissjoni sabet li ma kienx hemm ksur (ara Digest p. 510) waqt li a kuntrarju l-fatt li l-applikant kien ipprova jissollecita l-kontinwazzjoni tal-proceduri kien fattur determinanti biex il-Qorti issib li kien hemm ksur (ara l-Kaz Massa 24/08/1993). F’dan il-kaz, ghall-kuntrarju, l-akkuzati ccaqalqu biss u bdew joholqu l-ostakoli kollha biss appena il-guri jigi appuntat u dan baqa’ jirrepeti ruhu proprju dakinhar li rega gie appuntat il-guri ghas-17 ta’ Lulju, 1995.

(c) Lanqas jirrizulta li r-rikorrent ipprova jirrikorri ghall-aktar rimedju ordinarjissimu li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu konsistenti filli jaghmel rikors biex jitlob lill-Qorti Kriminali biex il-guri jigi appuntat. Dan mhux kaz li d-difiza irrikorriet ghal xi stratagemmi procedurali legittimi izda jammonta ghall-abdikazzjoni da parti tar-rikorrent milli jirrikorri ghar-rimedji ordinarji previsti mil-ligi sabiex jissalvagwarda d-drittijiet tieghu li issa tant jilmenta li gew miksura. Anki n-nuqqas li ssir talba permezz ta’ verbal fl-atti gie konsidrat bhala rimedju ordinarju li kellu jigi esperit qabel ma wiehed jirrikorri ghall-gurisdizzjoni kostituzzjonali u fin-nuqqas il-Qorti iddeklinat milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha (ara Qorti Kostituzzjonali: Vincenti Spiteri vs. Onor. Prim Ministru et.: 31/08/1977).

38. L-appellant Scicluna ma ressaq l-ebda risposta ghal dan l-appell incidentali. Lanqas fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu tat-22 ta’ Gunju 2000, mhemm l-ebda accenn ghal dan l-appell incidentali. B’daqshekk, pero`, ma jfissirx li l-appellant Scicluna mhux qed jikkontesta l-imsemmi appell incidentali. Ifisser li hu irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti.

39. Dwar l-ewwel ilment ta’ l-intimati, dan jidher pjuttost gustifikat, izda dan ftit li xejn jista’ jincidi fuq il-korrettezza tad-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-process quddiem il-Qorti Kriminali dam fi stat ta’ waqfien komplet “ghal aktar minn sentejn”

40. Dwar it-tieni ilment ta’ l-intimat, din il-Qorti taqbel li l-appellant Scicluna ma weriex hegga biex jissollecita speditezza akbar fil-proceduri kriminali. Pero`, dan il-fattur ma jincedix wisq fuq ir-responsabilita` ta’ kull Qorti - li fil-kuntest ta’ l-iskritturi u l-mezzi li l-istat jipprovdi ghas-sistema gudizzjarju – tara li proceduri jimxu ’l quddiem b’ritmu adegwat. Certament l-imsemmi atteggjament ta’ l-appellant m’hemmx dubju li kien wiehed mill-fatturi li inklina lill-ewwel Qorti biex tqis li d-dikjarazzjoni tal-Qorti dwar is-sejbien tal-lezjoni in kwistjoni kienet rimedju indikat bhala “*just satisfaction*” ghall-vjolazzjoni tad-dewmien irragonevoli ghal smigh xieraq.

41. L-ahhar kritika ta' l-intimati tikkoncerna l-ilment li l-appellant ma rrikkorriex ghar-rimedji ordinarji qabel ma irrikorra ghal-gurisdizzjoni kostituzzjonali. It-talba ta' l-intimati biex din il-Qorti tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, minhabba dana l-aspett, fil-fehma tal-Qorti, hija inammissibbli u m'ghandhiex tintlaqa' f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri Kostituzzjonali. Konsegwentament l-appell incidentali ta' l-intimati mhux gustifikat ma jistax jintlaqa'. U billi l-Qorti sostanzjalment taqbel mas-sentenza appellata, hemm lok li din tigi konfermata.

42. Ghal dawn il-motivi:
a) Tichad l-appell principali ta' l-appellant Scicluna;
b) Tichad l-appell incidentali ta' l-intimati;
c) Tikkonferma s-sentenza appellata;
d) Tordna li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu sopportati kif deciz fis-sentenza appellata, filwaqt li dawk ta' din l-istanza konnessi ma' l-appell principali jibqghu u karigu ta' l-appellant Scicluna, mentri dawk konnessi ma' l-appell incidentali jibqghu a karigu ta' l-intimati Avukat Generali w Onorevoli Prim Ministru.

Deputat Registratur
Df

**APPENDICI**

Kopja tas-Sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Lulju 1995 qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-Odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------